**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' APRIL, 2002

**Numru: 25**

**Avviz Nru: 1383/01AE**

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Charmaine Catania**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm228) import ta' sebgha kambjali li mmaturaw (fol. 2 – 8), in kwantu ghal disgha u ghoxrin lira Maltija (Lm29) prezz ta' merkanzija u ghaxar liri Maltin (Lm10) imghax dovut sad-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Dr. John Laferla in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti li gew prezentati mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm228), bl-imghax jiddekorri fuq is-somma ta' mitejn u tmintax-il lira Maltija (Lm218) mis-6 ta' Novembru 2001.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**